ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 17 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 13 ta' Jannar 2014 fis- 6.00pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Ambaxxatrici | Is-Sinjorina Christine Dalli |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Dicembru 2013;
   b) Skeda ta' Ħlas Dicembru/Jannar 2013;
   c.) Abbozz ta' l-Estimi Ghas-Sena 2014;

5 Rapport Amministrattiv 2013;

6. Laqgha Annuali tal-Lokalita;
7. Tenders;
8. Skips;
9. Traffic Management;

6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

ĦAL GĦAXAQ

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. <u>Minuti</u>**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 16 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu addottati.

Issekonda il-Vici Sindku Vassallo u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. <u>Taghrif mill-Minuti</u>**

a.Dwar ingagg ta' persuna ohra, is-Sindku qal li se jsiru l-interviews nhar it-Tnejn 20 ta' Jannar bejn id-9.00am u 12.00pm u min ikun jista u jrid jattendi.

b. Is-Sindku qal li kellem il-Perit Marvin Ellul dwar Triq il-Hanniea biex il-MEPA tohrog il-Compliance Certificate u l-Kunsill ikun jista japplika ghad-dawl ta' Gnien il-Kunsill u l-madwar.

c. Dwar il-laqgha fuq il-PPP mas-Sur Pio Farrugia u s-Sur Silvio Frendo li s-Sindku, s-Segretarju flimkien mal-Kunsillier Fenech attendew, is-Sur Fenech qal li wara li saret diskussjoni ta' kif se jigi kkumpersat il-Kunsill mil-Gvern Centrali, dan ta' l-ahhar se jhallas il-Kunsill meta jitlestew it-toroq kollha. Waqt il-laqgha saret talba biex jekk jista il-Kunsill jigi kkumpensat minn soma ta' flus biex ikun jista jwettaq il-program ta' xogholijiet tat-toroq.

Is-Sur Farrugia flimkien mas-Sur Frendo spjegaw li dan kien il-ftehim li kien sar izda min-naha tal-Kunsill s-Segretarju qalet li se tibghat ittra flimkien ma' rcevuti u kontijiet approvati mil-Perit tal-Kunsill biex jigi kkunsidrat li l-Kunsill jinghata somma ta' flus ohra biex ikun jista' jkolmpli bix-xoghol.

Il-Kunsillier Fenech qal li is-Sinjuri Farrugia u Frendo spjegaw li l-Kunsill se jigi ikkumpensat b'terz tas-somma li l-Kunsill ikun mehtieg li jhallas lil-Korporazzjoni ta' l-ilma kemm il-darba dawn jaraw il-htiega li jinbidlu xi servizzi ta' l-ilma.

**3. <u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment bagħatu jinfurmaw dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja Jannar – Diċembru, 2014, li ser tkun ta' € 300,968, fejn indikat ukoll hemm it-tabella ta' kif għandha tiġi mqassma din l-allokazzjoni.

ĦAL GĦAXAQ

2. Mill-AKL infurmaw dwar invit għal Programm ta' taħditiet Edukattivi fuq is-saħħa mid-Dipartiment għall-Kura primarja tas-Saħħa. Anness hemm aktar informazzjoni dwar it-tahditiet kif jiġi mqassma bħala suġġett meta jingħataw lill-pubbliku u jingħataw b'xejn, sabiex minn huwa interssat dawn isiru ġewwa l-Kunsill.

Infurmawna ukoll dwar Personal Development Training Program li ser isir bejn Frar u April.

Irċevejna ċirkolari sabiex tiġi mġedda l-*Group Health Policy* li tkopri l-perjodu Jannar – Dicembru, 2014. Il-Kunsill qabel li tiggedded u tkopri lil Ambaxxatrici s-Sinjorina Christine Dalli ukoll..

Bagħatu wkoll dwar tagħrif ħabba *solar panels* fuq il-Binjiet tal-Gvern f'Ħal Għaxaq.

3. Mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp, qed jagħmlu talba sabiex isir arblu tul ta' 30 metru sabiex jitwaħħal fiż-żona ta' Triq il-Gudja u Dawret Ħal Għaxaq bħala spejjeż konnessi ser jiġu koperti kollha mill-Għaqda.

4. Is-Sindku qal li it-toqba u l-arblu ser isiru mil-Ghaqda ta' San Guzepp
Is-Sindku qal li l-ahjar napplikaw il-MEPA biex din it-toqba issir izda is-Sur Vassallo qalli xtaq ikun jaf min ikun jista jghamel uzu minn din it-toqba, u jekk dan l-arblu hux se jibqa is-sena kollha biex juzah kulhadd.

Il-Kunsillier Fenech qal li hemm soluzzjoni ohra li dan l-arblu jghamluh iz-zewg Ghaqdiet flimkien u matul is-sena meta ma jkunx qed jintuza tittellgha bandiera Maltija jew tar-Rahal.

Saret diskussjoni izda ntqal li l-art jghamel minnha il-Kunsill u jekk il-Kunsill jghamel il-hofra din tigi uzata skond kif irid il-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li issir laqgha mal-Ghaqdiet dwar dan l-arblu.
.

5a plenarja

. Mingħand *Għaxaq FC Nursery*, fejn infurmaw li ser isir xi bini biswit l-entratura tal-ground tal-football fejn hemm hekk stess jattendi xi tfal

għat-taħriġ tan-*nursery*, għaldaqstant qed tagħmel talba lill-Kunsill sabiex tintalab id-devoluzzjoni ta' din l-art sabiex in-*nursery* tkun tista' tagħmel użu minnha. Il-Kunsill qabel dwar din l-art biex jghamel devoluzzjoni.

6. Mill-Kunsill tal-Volontarjat infurmaw li hija xewqa tagħhom li jsir xi laqgħat ġewwa l-Kunsill Lokali għall-Għaqdiet Volontarji fil-Lokal. Dawn ser jibdew isiru mit-3 ta' Frar, 2014, kull nhar ta' Tnejn, fis-6 p.m. Il-Kunsill lest li jghamel dawn il-laqghat.

ĦAL GĦAXAQ

7. Mingħand il-KNPD dwar ir-rapport ta' spezzjoni li sar fir-rigward ta' "Ġnien il-Kunsill", fejn kien hemm xi nuqqasijiet żgħar issa ġew irranġati hekk kif indikat minnhom.

8. Mill-Kunsill Lokali ta' M'Scala, fejn għarrfu dwar il-Kawża tal-Impjant tar-Riċiklaġġ ġewwa M'Scala fejn bħala Kunsill niffurmaw parti mill-Kumitat. Infurmaw li ser jerġa' jsir appell u trid titħallas is-somma ta' € 252.06 bħala parti mill-ispiża. Il-Kunsill qabel li jhallas din is-somma.

9. Mingħand il-kuntrattur Wilson Mifsud, fejn qedv jitlob ħlas ta' € 110 vat eskluż għal kull darba sabiex ikun jista' jkopri bl-ispejjeż li ser jiżdiedulhu peress li ser jitneħħew l-iskips kollha minn Ħal Għaxaq.

10. Mingħand l-membri tal-Ekoskola ta' Ħal Għaxaq fejn infurmaw sabiex jiġi rranġat il-ġibjun li hemm l-iskola peress li jinsab imkisser.

Is-Sindku qal li s-Surmast ta' li Skola Primarja s-Sur Deo Grech jixtieq jghamel laqgha mal-Kunsill biex jkun jaf hemmx xi mezz kif ikun jista juza l-ilma li jingabar fil-gibjun.

Il-Vici Sindku qal li l-ahjar li s-Surmast jghamel pompa.

Is-Sinjura Agius qalet li kien hemm skema fejn wiehed seta japplika ghal flus biex jghamel pompa u juza l-ilma tal-bir. Din li Skema kienet harget mil-MRRA.

Is-Sindku qal li s-Surmast jixtieq li l-Kunsill jghinu jnaddaf il-gibjun.

Ghal dan is-Sinjura Agius qalet li tahseb li s-Surmast jista jitkellem biex l-Education japplikaw ghal fondi mil-MRRA.

Il-Kunsill qabel li ssir laqgha mas-Surmast u naraw xi jrid ezatt.

11. Mid-Dipartiment tal-Artijiet fejn infurmaw dwar il-biċċa art li tinsab f'Dawret Ħal Għaxaq k/m Triq il-Miksur, meta toħroġ id-Dikjarazzjoni tal-President dan ifisser li l-Gvern jista' jokkupa din l-art imma din isir proprjeta tal-Gvern la darba l-Gvern iħallas il-kumpens lis-sidien tal-art.

atu

12. Mingħand il-MEUSAC infurmaw li ser isir seminar dwar l-Enerġija fl-24 ta' Jannar, 2014, ġewwa The Waterfront Hotel, Gzira bejn it-8:30 a.m. u 12:00 p.m.

ĦAL GĦAXAQ

Bagħatu wkoll li ser isiru laqgħat t'Informazzjoni dwar Erasmus + dan huwa l-programm il-ġdid ta' finanzjament tal-UE għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport. Dan ser isir fis-27 ta' Jannar, 2014 bejn il-5:00 p.m. u t-8:00 p.m. fl-uffiċċju tal-AKL ġewwa l-Marsa.

13. Mingħand Pascal Bayet fejn ingħatajna aktar tagħrif dwar il-French Boys' Choir, fejn dan jikkonsisti fi 38 membru jinkldi 6 adulti u 32 kantant li l-eta' tagħhom qeda bejn id-9 u t- 18 il-sena.

Is-Sidku qal li bi hsiebu japplika biex igib kor minn barraminn Malta biex jghamel wirjiet f'Malta. Dan il-kor jikkonsisti fi tfal u kbar u qal li ser ikellem il-kappillan jekk il-Kunsill jaqbel biex isir uzu mil-hostel li hemm Santu Kristu.

Is-Sindku kompla jghid li mhux bil-fors ingibu dan il-kor izda i haga simili minhabba li hemm fondi fejn din il-materja tista issir u l-Kunsill ikun jista jghamel attivitajiet li minnhom igawdu l-Ghaqdiet tar-rahal kollha. Il-Kunsill qabel.

14. Mingħand Strand Electronics fejn infurmaw li l-ispiża sabiex tissewwa' l-photocopier li hemm isfel hija ta' € 285.56.

Infurmaw ukoll li jekk il-Kunsill għandhu l-ħsieb li jikri photocopier bħal dik ta' fuq il-prezz tagħha fix-xahar ikun ta' € 29 u dan fuq perjodu ta' 60 xhar.

andhu ;l-ħsieb li jikri photo

15. Mingħand Mr. Jonathan Mangion irċevejna kwotazzjoni ghal żbir ta' siġar madwar ir-raħal ghal prezz ta' € 720 + VAT għal kull servizz il-prezz ma jinkludix ħlas ta' permessi u gwradjani lokali fejn ikun hemm il-ħtieġa.

16. Minghand Ms Marie Claire Zammit ircevejna email dwar il-hsibijiet li ghanda Ms Zammit biex ittellgha drammi mat-tfal. Hi qalet li kienet tghallem fi skola u tixtieq toffri volontarjament il-hin taghha biex tghallem it-tfal. Il-Kunsill qabel li issir lagha ma' Ms Zammt.

17. Irċevejna kwotazzjoni mingħand *AID Ltd*. dwar *on-line streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill fejn bħala total tal-installazzjoni, kemm jitħallas fis-sena għal 4 snin u l-*maintenance agreement* għal 4 snin huwa ta' € 5,568.10 ( Paġna 3).

Kwotazzjoni oħra mingħand *Correct Termination Ltd*. dwar *on-line streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill, fejn bħala total tal-installazzjoni, kemm jitħallas fis-sena għal 4 snin huwa ta'
€ 4,897 u l-*maintenance agreement* għal 4 snin huwa ta' €590( Ittra F ).

ĦAL GĦAXAQ

**Korrispondenza li ntbagħatet l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

a) Infurmajna lill-ETC dwar l-Iskema ta' CIES fejn tlabna sabiex jissupplixxuna b'lista oħra ta' parteċipanti li jaqdu l-ħtiġijiet ta' *cashier / office helper*. Dawn bagħatulna l-lista ta' applikanti eleġibbli. ( Anness CVs).

b) Ittra t'awtorizzazzjoni mogħtija mis-Sindku lis-Sur John Galea sabiex ikun responsabbli mit-tindif u l-ordni taż-żona ta' Ħas Saptan.

**4. Materji Finanzjarji**:

*a.* ***Petty Cash***: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Dicembru 2014, li kienu jammontaw għal €87.44. Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressqet l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€87.44 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Schembri.

*b.* ***Skeda ta' Ħlas Dicembru/Jannar 2014***: Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Dicembru u nofs Jannar 2014 u li jammontaw għal €17,070.42.
Il-Kunsillier Fenech qal li fil-laqgha tal-Finanzi ghidna li mhux se johorgu hlasijiet, is-Segretarju wiegbet li ghalkemm dawn gew approvati, ic-cekkijiet mhux se jintbaghatu qabel ma l-Kunsill jiddeciedi li jintbaghatu.

Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressqet l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

***c. Abbozz ta' l-Estimi Ghas-Sena 2014:*** *Is*-Segretarju hejja abbozz ta' l-Estimi Finanzjarji ghas-Sena 2014 ibbazat fuq id-dhul u l-hrug li kien hemm fis-sena precedenti. L-abbozz gie moqri u diskuss u

wara proposta mis-Sindku sekondat mill-Vici Sindku, l-Kunsill qabel li dan l-abbozz jigi pprezentat ghad-diskussjoni tal-Laqgha Annwali tal-Lokalita wara li ssir emenda vot 3043 biex jigi jaqra €3,000, emenda vot 3100 biex jigi jaqra €20,000, emenda vot 330 biex jaqra €7,200 u vot 7500 biex jaqra €10,000.

Is-Segretarju qalet li fil-laqgha li jmiss terga tressaq l-Abbozz ta' L-Estimi Ghas-Sena 2014 emendat. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

.

5. **<u>Rapport Amministrattiv 2013</u>**;

Ir-Rapport Amministrattiv 2013 se jerga jitressaq fil-laqgha li jmiss minhabba li ghad hemm xi punti fl-Agenda li jridu jigu diskussi w l-hin ma jippermettix.

6. **<u>Laqgha Annuali tal-Lokalita</u>**

Minhabba li l-hin kien limitat, il-laqgha Annwali tal-Lokalita tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

7. **<u>Tenders</u>**

Dwar it-tenders il-Kunsill iddecieda li jghamel decizjoni hu wara li saret diskussjoni, u sar qbil kif gej.

1. Ftuh u Manutenzjoni tal-Latrini – Il-Kunsill ghamel lista qasira ta' tlieta li huma in-numri:

   1 John Caruana, 4 Joseph Farrugia, u 5 Ghaxaq Football Nursery.

   Ser issir laqgha ma dawn il-kuntratturi biex jintghazel l-ahjar wiehed dak li jkun jista jikkontribwixxi l-ahjar

2. Tal-Knis u tindif tat-toroq- il-Kunsill qabel li l-irhas wiehed ta' l-Offerta €19,000 huwa l-ahjar izda jehtieg issir laqgha mal-Kuntratturi biex naraw x'se joffru:

   1 Gaetano Galea, 4 W.M. Environmental u 7 Joseph Farrugia

3. Tal-Gbir tal-Bulky refuse- Il-Kunsill qabel li jintghazel il-Kuntrattur bl'Offerta ta' €1.60 kull dar tas-Sur Gaetan Galea.

Schedule ta' dawn it-tenders annessi.

Is-Sindku qal li jehtieg jinhargu tenders ghal-konkos, u ghal Avukat.

Is-Sinjura Schembri qalet li jehtieg issir Bye Law biex tigi regolarizzata SkolaSajf. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

**8. Skips**

Wara li saret diskussjoni ta' fejn jitnehhew li skips u fejn jistghu jithallew, il-Kunsill ha in konsiderazzjoni hafna punti u wasal biex iddecieda li l-iskips jitnehhew kollha barratnejn, dik ta' hdejn ic-cimiterju u dik ta' hdjen li Scotts supermarket li biha jinqdew familji mil-akwata fejn ta' li scammel ma jmurx.

Saret diskussjoni dwar l-ittra li l-Kunsill ircieva minghand il-kollettur ta' li skart is-Sur Wilson Mifsud fejn dan talab is-somma ta' €110 ghal darbtejn fil-gimgha biex ikopri li spejjez,Din wasslet biex il-Kunsill jiddeciedi li joffri lis-Sur Mifsud 50 fil-gimgha u jekk dan ta' l-ahhar ma jaccettax, il-Kunsill ma jkollux alternattiva illi jekk is-Sur Mifsud iwaqqa it-tender ta' li scammel, is-Sindku ippropona li johrog tender gdid, il-Kunsillier Fenech issekondah u l-Kunsill qabel.

**9**. **Suggerimenti**;

**1**. Is-Segretarju qalet li l-photocopier li hemm fl-ufficcju tas-Sinjura Mallia ghandha l-hsara w biex tissewwa hemm spiza kbira, ghaldaqstant qalet li l-ahjar tinxtara wahda gdid. Qalet ukoll li kif tkun fil-process issib wahda zghira flok l-photocopier li hemm bil-hsara fil-librerija. Il-Kunsill qabel.

**2**. Is-Sindku semma l-Online Streaming u qal li l-ahjar il-Kunsill jistenna ftit zmien iehor biex jinstalla din is-sistema. Il-Vici Sindku qal lis-Sindku biex jistaqsi lir-Regjun fuq l-Online Streaming minhabba li fl-laqgha li kien attenda l-Vici Sindku kien hemm diskussjoni dwar dawn il-cameras li ghalihom forsi johrog tender ir-Regjun. Il-Kunsill qabel.

**3**.Is-Sindku qal li jixtieq devoluzzjoni tad-dahla ghal Hal Ghaxaq minn tal-Barrrani fejn hemm zewg islands jghamel sign kbir ma arblu bil-kelma WELCOME f'lingwi differenti. Qal ukoll li jixtieq jghamel id-dawl fuq l-arblu. Is-Sindku kompla jghid li jixtieq li l-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni ta' bicca art li tinsab fid-dahla ta' Hal Ghaxaq sabiex jikteb Hal Ghaxaq kbira bid-dawl minn taht.

Il-Vici Sindku qal li l-ewwel is-Sindku l-ahjar li jitlob li l-Kunsill jamministra mhux jiehu devoluzzjoni, ghax jekk jiehu devoluzzjoni jkollu joqoghod ihallas kull sena ta’ l-art u jghamel sketch ta’ dak li ghandu f’mohhu umbaghad il-Kunsill jikkonsidra it-talba tieghu.

Il-Vici Sindku Vasssallo qal ukoll li s-Sindku jista jikkonsidra jghamel xi haga f’dik il-bicca art li l-Kunsill kien ha devoluzzjoni taghha li tinsab fejn hemm in-nicca tal-Madonna fil-Bypass.

ĦAL GĦAXAQ

**4.** Il-Vici Sindku flimkien mal-Kunsilliera Agius qalu li jehtieg li jinqata’ il-haxix fi Gnien il_kunsill ghax kiber hafna u qieghed ikrah jidher mil-Bypass. Qal ukoll li hawn hafna haxix mar-Rahal. Il-Kunsill qabel li s-Sindku jibaghat in-nies biex inaddfu dan il-haxix.

**5**. Is-Sindku qal li jixtieq li minflok il-bandli li hemm Santu Rokku isir l-ufficcju tal-Kunsill. Kien hemm min qal kieku mhux idea hazina li jkun post akbar.

Il-Vici Sindku qal li f’laqgha li kienet saret qabel is-Sindku kien qal li jixtieq jghamel l-ufficcju tal-Kunsill fuq il-hwienet tal-Gvern li hemm Hal Dmikki. Staqsa ghalhiex inbidlet l-idea.

Is-Sidku qal li bidel l-ideja minhabba li l-bicca art li hemm Qasam Hal Dmikki hemm bicca tal-privat u ma jistax jorbot fuqha biex maz-zmien tigi devoluta.

Is-Sindku qal li napplikaw  ghal amministrazzjoni tal-area ta’ fuq Santu Rokku w jekk il-quddiem tohrog xi applikazzjoni l-kunsill ikollu dan is-sit f’idejh.  Il-Kunsill qabel.

**6**. Is-Sindku qal li fi Sqaq il-Gebel, sid ta’ impjant fil-vicin se jtellgha hajt u b’konsegwenza li Sqaq il-Gebel jidjieq u lanqas karozza ma tkun tista tidhol minnu.  Il-Kunsill qabel li jikteb il-MEPA biex tibghat enforcement.

**7**.Is-Segretarju staqsiet lil Vici Sindku fejn kien bi hsiebu jghamel is-signs ta’ Hal Ghaxaq Merhba li l-HSBC tsiponsorja. Is-Sur Vassallo qal li wahda tista titpogga tal-Millieri u ohra fi Triq Hal Tarxien fejn li s-supermarket Scotts. Il-Kunsill qabel.

**8**.Is-Sur Abela qal li hemm il-htiega li jinxtraw 100 borza tarmac minhabba li hemm xi hofor fit-toroq li ghadhom ma sarux. Il-Kunsill qabel.

**9**.Is-Sur Abela qal li jehtieg niktbu ittra lis-sidien tas-supermarket LIDL fejn ninfurmawhom li l-post li jinsab fih il-LIDL bir-id-Deheb u go Hal Ghaxaq u mhux iz-Zejtun. Il-Kunsill qabel.

**10**.Is-Sur Abela kompla jghid li jehtieg niktbu lil-Transport Malta biex titnehha l-island li hemm fin-nofs bejn it-traffic lights hdejn in-nicca tal-Madonna fil-Bypass ta’ Hal Ghaxaq minhabba li din hi perikoluza u qed tikkawza hafna incidenti, il-Kunsill qabel li jsiru overhead poles. Qal ukoll li jehtieg issir camera jew issir tabelli bi speed limit.

**11.**Il-Vici Sindku qal li fi Gnien il-Kunsilll il-haxix hem mil-htiega li jinqata’ ghax kiber hafna u qieghed ikrah. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

**12.**Is-Sinjura Agius qalet li s-sigar fil-Bypass hem mil-htiega li jinzabru, l-ahjar isir kuntatt ma tal-ELC. Il-Kunsill qabel.

**13.** Is-Sindku qal li jixtieq li l-ufficcju tas-Segretarju jinzel isfel. Is-Segretarju qalet li ma tghamilx differenza ghaliha basta l-affarijiet li ghanda fl-ufficcju jinzlu kollha isfel maghha. Il-Kunsill qabel.

**14.** Il-Kunsillier Schembri qalet li se tqassam f’kull dar karti fejn se tinforma ir-residenti i ser isiru dawn il-korsijiet;

2 Drama – Kbar u teens
Arti ghat-tfal
Crafts ghal Adulti
2 korsijiet ko-operazjon mal-FES tal-First Aid,
Il-Kunsill qabel.

**15.**Il-Kunsillier Schembri kompliet tghid li il-harga ghal Ghawdex kienet success, kien hemm 77 partecipant,

**16.**I-Kunsillier Schembri qalet ukoll li t-Treasure Hunt saret u kien hemm 32 partecipant, dawk is-sitta li rebhu inghataw ktieb ta’ Hal Ghaxaq u Niesu.

**17.** Il-Kunsillier Agius qalet li l-ikla ta’ l-anzjani kienet success ukoll u r-residenti hadu pjacir hafna.

**18.**Is-Sindku qal li hemm il-htiega li jingiebu kwotazzjoni ghal Stickers. Il-Kunsill qabel.

**19.** Il-Vici Sindku qal li jehtieg napplikaw Transport Malta biex issir Zebra Crossing ghax saritlu talba, din trid issirTriq San Filippu c/wTriq Gistakor u Triq Gius. Demicoli. Il-Kunsill qabel.

**20.**Is-Sindku qal li fil-gurnata tal-Hadd qabel saret din il-laqgha hu hatar persuna biex jiehu hsieb li karozzi ma jipparkjawx bl-addocc, u qal li kienet success u n-nies ikkoperaw. Qal li se terga issir il-Hadd li gej.

**21.**Is-Sindku qal li jehtieg ingibu l-wardens ghal 4 sieghat, il-Kunsill qabel.

**22.**Is-Sindku qal li tal-kumpanija GO infurmawna li l-kontijiet taghhom mhux se jibqghu jintlaqaw u jithallsu il-Kunsill.

ĦAL GĦAXAQ

**23.**Is-Sindku qal li tkellem ma tal-Protezzjoni Civili dwar li jixtieq jiftah ix-xelters tal-lokal. Dawn lesti li jghatu l-ghajnuna taghhom izda is-Sindku qal li l-ahjar dawn jinfethu fis-sajf minhabba ix-xita. Jehtieg ukoll nordnaw bieba tal-hadid biex tigi iffitjata fil-bokka tax-xelter meta jinfetah biex ma jkunx hemm periklu. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku qal ukoll li se jkellem lil tat-EneMalta biex jara ikunux ghaddejien wires.

**24.** Is-Sindku staqsa lis-Segretarju biex sal-laqgha li jmiss tghid il-Kunsill x'bi hsieba tghamel jekk hux se tkompli tahdem wara li taghalaq 62 sena.

**25.** Is-Sindku qal li sar qtugh ta' haxix kif ukoll tindif u arrangamenti fi Triq il-Hannieqa u Triq il-Barklor.

**<u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-10.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2014 fis-6.00pm

Darren Abela
**Sindku**

Therese Xuereb
**Segretarju Eżekuttiv**

<u>Ikkonfermati:- it-Tnejn, 27 ta' Jannar 2014 fis-6.00pm</u>